MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 57/2003

**Gaby Schanzlin**

**vs**

**Joe u Maryrose konjugi Vella**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Tghid ghaliex intom konvenuti m’ghandkomx tkunu kkunndannati thallsu s-somma ta’ elf u sitta u sebghin lira Maltin (Lm1067) liema ammont gie sottrat minghand l-attrici b’qerq u bi frodi u li huwa pretiz ghal servizzi li la qatt gew rezi kif ukoll lanqas l-attrici kif ukoll shabha li kienu qeghdin maghha la qatt ftehmu fuqhom maghkom u lanqas iridu li jkunu rezi oltre l-imghax legali mid-data tal-konsenja sad-data ta’ l-effettiv pagament.

Bl-ispejjes.

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni li minn issa intom konvenuti diga intom ingunti.”

Ra l-ewwel eccezzjoni fir-risposta tal-konvenuti li m’humiex il-legittimi kontradditturi tal-attur.

Ha konjizzjoni tal-provi fuq l-ewwel eccezzjoni.

Ikkunsidra:

Illi skond il-konvenut, l-attur ghamel il-booking mieghu direttament billi cempillu mill-airport u talbu biex jibghatlu taxi; il-konvenut hekk ghamel u wara li l-attur flimkien ma’ ohrajn waslu l-lukanda kellmu l-konvenut personalment li wrieh il-price-list li skond hu kienet fuq il-Hotel Timeshare Limited u difatti esebixxa kopja ta’ price-list (Dok JV-1 a fol 29). In sostenn tal-eccezzjoni tieghu il-konvenut esebixxa wkoll statement tal-Bank of Valletta p.l.c. li juru diversi ammonti migbudin minn fuq credit cards u akkreditati lil Hotel Timeshare Limited (Dok JV2 a fol 30), inkluz ammont ta’ LM1076 migbud fil-11 ta’ Mejju 2003 cioe’dakinhar li l-attur wasal Malta u mar il-lukanda tal-konvenut ossia ta’ Hotel Timeshare Limited u hallas l-istess ammont lill-konvenut permezz ta’credit card. Il-price-list hija wkoll esebita f’kull parti tal-lukanda.

Illi l-attur jaghti verzjoni differenti: huwa ghamel il-booking tramite MCM, agenzija Germaniza. Il-konvenut kellu jibghatlu taxi l-ajruport biex tiehdu l-lukanda izda din ma kinitx hemm meta wasal l-attur li kellu allura jikkuntattja lill-konvenut biex jibghatlu t-taxi. Ma qalx li wrieh xi price-list izda qal li Vella offrielu li jhallas LM8 extra ghal kull persuna half board li qallu li kien prezz specjali. Skond din ir-rata, u xi extra zghira minhabba t-tarbija li l-grupp ta’ turisti kellhom maghhom, is-somma extra kellha tkun ta’ LM448. Il-konvenut pero’ nizzel il-figura ta’ 1076 li minhabba d-diskors li kien qieghed isir fuq il-kambju ghall-ewwel hasbuhom euros imbaghad meta rrealizzaw li kienu Liri Maltin ipprotestaw izda l-konvenut irrifjuta li jirritorna l-flus zejda. Talab ukoll li tigi ffirmata check-in form li kien fiha spazju abjad bir-rigi li mbaghad mela wara li saret il-firma tal-attur fuqha. Gie esibit ukoll printout tal-

website ta' Hotel Serena Beach Club (Dok 1 u 2 a fol 24 u 25) li mkien fiha ma jidher indikat l-isem tal-kumpannija. L-attur esebixxa ricevuta (Dok A) li turi l-kliem *Hotel Serena* (fol 28) u l-firma tal-konvenut. Ma hemmx indikazzjoni ta' isem il-kumpannija.

Waqt is-seduta tat-13 ta' Gunju l-attur (li jghix il-Germanja) tramite l-avukat tieghu talab li jkun prezenti ghall-fini tal-eccezzjoni preliminari in kwistjoni; u fis-27 ta'Gunju 2003 talab li in vista tax-xhieda tal-konvenut li kien qieghed jagixxi ghan-nom ta' Hotel Timeshare Limited, liema kumpannija l-attrici ma kinitx f'posizzjoni li taf li qieghda tikkuntratta. Il-konvenuti qeghdin jopponu t-talba ghas-sejha fil-kawza ghax l-attur kien jaf ezattament ma' min kien qieghed jikkuntratta, specjalment billi dawn mhux qabdu u dahlu fil-lukanda u bbukkjaw imma ghamlu dan permezz ta' Tour Operator s'intendi meta kienu ghadhom il-Germanja.

Il-gurisprudenza Maltija dejjem ammettiet il-kjamat fil-kawza meta jkun mehtieg ghall-integrita tal-gudizzju; kif ukoll, skond ghadd ta' sentenzi iktar liberali minn ohrajn, meta ghalkemm ikun hemm diga l-integrita tal-gudizzju jkun fl-interess tal-gustizzja li jsir dan, b'mod partikolari biex jigi evitat it-tfaqqis tal-kawzi u biex dawn ma jkunux konfliggenti ma' xulxin. U l-kjamat fil-kawza jsir, dejjem skond is-sentenzi l-iktar liberali, anke meta l-attur kien jaf jew messu kien jaf bil-kjamat in kawza qabel ta' l-inizju ghall-kawza. Izda jidher li hu pacifiku li l-kjamat fil-kawza qatt ma jigi ammess meta l-konvenut originali **ma jkunx il-legittimu kontradittur**.

Illi l-avukat tal-attur (a fol 12) issottometta li l-procedura quddiem dan it-Tribunal timponi obbligu fuq il-konvenut li jekk huwa jaf jew ihoss li m'huwiex il-legittimu kontradittur, hu personali jgharraf li dan ix-xi hadd iehor bit-talba biex hu jkun jista' jirrispondi ghat-talba li tkun saret. U din tohrog mill-formola tar-risposta innifisha.

Illi tabilhaqq, fuq l-ewwel faccata tal-formola numru 2, cioe'l-formola tar-risposta, hemm stampat hekk: *Jekk inti tahseb li xi hadd iehor ghandu jhallas it-talba, sew **kollha***

***kemm hi*** *sew parti minnha, inti ghandek tindika min hi dik il-persuna u tinnotifikaha b'kopja tat-talba maghmula kontrik, ir-risposta tieghek, l-avviz lil terza persuna u formola vojta ta'risposta.* Issa din il-formola hija maghmula mil-legislatur, u turi r-rieda tieghu li quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar ikun ammess il-kjamat fil-kawza sahansitra meta l-konvenut originali jkun estraneju ghat-talba tal-attur; cioe'ma jkunx il-legittimu kontradittur.

Issa l-prattikant tal-ligi, li l-hsieb u sahansitra s-subkonxju tieghu ikunu maghgunin sewwa bir-regoli tal-procedura civili kif esposti fil-Kap 12, irid jipprova jiftakar il-hin kollu li dan it-Tribunal m'huwiex Qorti kostitwita taht l-istess Kap 12 u ghalhekk ir-regoli ta' procedura ivi preskritti ma japplikawx ghal dan it-Tribunal. Anzi dan it-Tribunal gie kkoncepit proprju bhala alternattiva inqas formali u ghalhekk iktar spedituz minn Qorti ordinarja. Ghal dak li jirrigwarda l-proceduri quddiemu, il-gudikatur ghandu diskrezzjoni wiesa, prattikament *carte blanche.* Hija r-regola generali li l-gudikatur tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar jirregola l-procedimenti quddiemu kif ikun jidhirlu xieraq skond id-dettami tal-gustizzja naturali (Artiklu 9(1) Kap 380). Huwa indikattiv ta' kemm il-legizlatur ma jridx li t-Tribunal ma jkunx imxekkel bir-rit procedurali intiz ghal kawzi ta'valur ingenti li sahansitra obbliga lill-gudikatur (art 9 (2)(b) Kap 380) li jitgharraf b'kull mod li jista' jidhirlu xieraq u ma jkunx marbut bil-prattika dwar l-ahjar prova jew dwar xhieda fuq kliem haddiehor jekk ikun sodisfatt li x-xhieda li jkollu quddiemu tkun bizzejjed veritjera li biha jista' jasal biex jaqta' kaz li jkun qed jitratta. L-unici regoli li l-gudikatur huwa marbut bihom huma r-regolamenti maghmula in forza tal-artiklu 16 ta' Kap 380 li fost ohrajn jistghu jifformolaw il-procedura ta' quddiem it-Tribunal u jistabbilixxu l-formoli li ghandhom jintuzaw fi procedimenti quddiem it-Tribunal. Hekk jaghmlu r-regoli tal-1995 dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar (A.L. 145 tal-1995 kif sussegwentement emendat). Il-gudikatur ikun marbut bir-regoli ta' Kap 12 biss fejn huwa espressament obbligat b'dawn ir-regolamenti, per ezempju fil-kaz tal-Kuraturi (Art 13 Kap 380),u fil-kaz tan-notifiki tat-talba, kontro-talba, risposta ghall-kontro-talba u avviz lil terzi li ghandhom isiru skond Artiklu 187 ta' Kap 12 (Art 15, Kap 380).

Ghar-rigward il-kaz in ezami, skond Artiklu 6(1) tal-istess regolamenti, jekk il-konvenut jidhirlu li ghandu jkun hadd iehor li jhallas it-talba, huwa ghandu jindika fir-risposta tieghu min hi dik il-persuna l-ohra li ghandha thallas it-talba kollha jew parti minnha; u sahansitra tobbligah li jinnotifika lil tali terzi. Dan l-obbligu imbaghad huwa migjub ghall-attenzjoni tal-konvenut fuq il-formola numru 2 u cioe' formola ghar-risposta mahruga permezz tal-Avviz Legali 168 tal-1995. Hemm ukoll Formola 6 li hija Avviz lit-Terza Persuna li l-konvenut irid jiehu hsieb li jimla'.

Filwaqt li quddiem il-Qrati, il-kjamat fil-kawza jigi mitlub lill-Qorti, quddiem it-Tribunal il-konvenut (jekk mhux ukoll l-attur) huwa addirittura obbligat li jsejjah huwa stess, bla ma jitlob digriet mit-Tribunal il-kjamat fil-kawza, u dan **sahansitra anke jekk jidhirlu li hu ma huwiex il-legittimu kontradittur.** Dan naturalment il-ligi tawtorizzah, anzi, tesigih, fl-interess ta' gustizzja specituza u sommarja li hija iktar u iktar mistennija fil-kaz ta' talbiet ckejknin ta' importanza minima, hielsa kemm jista' jkun mill-formalitajiet procedurali. F'din il-kawza, ghalhekk, il-konvenuti huma obbligati li jindikaw min ghandu jkun il-kjamat in kawza u jsejjhulu huma stess, u mhux sempliciment jecepixxu li m'humiex il-legittimi kontradittur i.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti u jordna l-kjamat fil-kawza tas-socjeta' kummercjali Hotel Timeshare Limited bl-ispejjez provizorjament a kariku tal-attur.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------